# x'tagħmel f'każijiet ta' *cyberbullying*

linji gwida għas-*senior management team*



MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

be SMART ONLINE!

besmartonline.org.mt

Tech.mt
MALTA - LEADING THROUGH INNOVATION

APPOĠĠ
Għat-Tfal, Familji, u l-Komunità

Kummissarju għat-Tfal
Commissioner for Children

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL

INHOPE

ins@fe

Co-financed by the European Union
Connecting Europe Facility



# x'inhu *cyberbullying?*

Is-cyberbullying huwa forma partikolari ta' bbuljar, u ma jsirx f'iżolament. Huwa bbuljar li jseħħ u jiġi mmaniġġat permezz tat-teknoloġija diġitali. Minħabba d-dinja li ngħixu fiha llum, l-istudenti jistgħu aktar jitħajru li jibdew jew ikunu parti minn imġiba ta' bbuljar mill-ambjent diġitali. Il-ħeffa li biha jużaw it-teknoloġija u l-influwenza tal-ħbieb jistgħu jkunu fatturi għal dan u b'hekk dan jista' jwassal biex jinħoloq ambjent ta' tensjoni fl-iskola.

Xi wħud jargumentaw li l-iskejjel m'għandhomx ikunu responsabbli ta' dak li jiġri barra minnhom. Madanakollu, jekk l-istudenti li qed jiġu bbuljati jew li qed jibbuljaw jattendu l-istess skejjel jew anki fi skejjel differenti, xi wħud mill-problemi se jitfaċċaw fil-klassi jew se jseħħu fil-btieħi tal-iskola. Is-cyberbullying jippreżenta sfidi ġodda għaliex jista' jibda barra mill-iskola u jitkompla fl-iskola jew viċiversa. Għaldaqstant huwa importanti li kemm il-ġenituri/kustodji u kemm l-edukaturi fl-iskejjel għandhom jagħmlu minn kollox biex jevitaw dan l-aġir. Hija r-responsabbiltà tal-ġenituri/kustodji li jikkontrollaw l-imġiba ta' wliedhom fuq il-midja soċjali wara l-ħin tal-iskola, filwaqt li r-responsabbiltà tal-edukaturi ġewwa l-iskejjel hija li jgħaddu kull informazzjoni li huma jsiru jafu biha dwar xi inċidenti tas-cyberbullying skont il-proċeduri.

Is-cyberbullying jippreżenta wkoll sfidi ġodda għaliex jista' jseħħ b'ħafna modi differenti mhux bħall-ibbuljar li jseħħ wiċċ imb wiċċ.

Pereżempju:

1. ir-repetizzjoni — dan iseħħ bis-saħħa ta' azzjoni waħda li tinxtered u tkun ripetuta f'ħakka t'għajn minn udjenza akbar u b'ċerta permanenza (eż. it-tixrid ta' testi/vidjows/stampi);

2. żbilanċ ta' poter — dan jinħoloq permezz tal-anonimità tal-persuna li tkun bdiet is-cyberbullying; jew mill-ħila tal-persuna li tuża t-teknoloġija b'mod manipulattiv;

3. anonimità — din tista' tinvolvi nies li qatt ma jkunu ltaqgħu ma' xulxin; ma jkunux jafu lil xulxin u/jew nies li ma jkollhomx ħbieb komuni.

4. invażiv — huwa ferm diffiċli biex il-vittma teħles mis-sitwazzjoni abbużiva.

## L-Għan ta' dawn il-linji gwida

L-iskejjel diġà għandhom gwida kif jittrattaw is-cyberbullying permezz tad-dokument *Addressing Bullying Behaviour in Schools Policy* taħt ir-'Respect for all Framework' u jistgħu jużaw il-proċeduri li jinsabu fuq:

**https://goo.gl/t4DtYD**

Madanakollu, peress li l-każijiet ta' cyberbullying qed dejjem jiżdiedu, qed joffru sfidi varji u diffiċli lill-iskejjel u l-personell tagħhom.

L-għan ta' dawn il-linji gwida huwa biex l-amministrazzjonijiet tal-iskejjel ikollhom gwida ċara u definita ta' kif jiffaċċjaw b'mod effettiv dan il-fenomenu għall-ġid tal-komunità tal-iskola kollha.

## Definizzjoni ta' Cyberbullying

Is-cyberbullying huwa forma ta' aggressjoni magħmula minn individwu jew għadd ta' individwi fuq oħrajn — din l-imġiba ssir permezz ta' mezzi elettroniċi. Il-persuna tista' wkoll tiġi mwarrba mill-komunitajiet jew interazzjonijiet virtwali.

Is-cyberbullying jinkludi (imma mhux biss) il-komunikazzjoni permezz ta' mezzi elettroniċi bl-intenzjoni li wieħed joħloq dannu, biża', umiljazzjoni, tensjoni u ħsara psikoloġika lil persuna waħda jew aktar.

Is-cyberbullying jista' jseħħ fuq tagħmir elettroniku użat minn kulħadd bħal smart phones u mezzi elettroniċi oħra mqabbdin mal-internet.

Eżempji ta' cyberbullying jinkludu:

- ☑ Att intenzjonat ta' esklużjoni fejn wieħed ma jitħalliex ikollu konversazzjonijiet onlajn u komunikazzjoni ma' oħrajn (exclusion);
- ☑ Li jintbagħtu messaġġi abbużivi jew ta' theddid b'intenzjoni (harassment);
- ☑ Li wieħed jidħol fil-profil tal-mezzi soċjali ta' persuna u jdaħħal informazzjoni fuqha li ma tkunx xierqa (fraping);
- ☑ Li tinxtered informazzjoni krudili u mhux veritiera fuq xi ħadd biex titħassar ir-reputazzjoni tiegħu (dissing);
- ☑ Li tinsteraq l-identità virtwali ta' xi ħadd, ħafna drabi stampi, u tintuża mill-ġdid fuq profili tal-midja soċjali għal għanijiet malinni (catfishing).

# Il-Proċeduri



## L-edukaturi jirrapportaw cyberbullying

- L-edukaturi għandhom jirrapportaw mal-ewwel lill-SMT.
- L-SMT jinforma lill-ġenituri/kustodji jew kustodji tal-istudent involut.
- Jekk l-incident iseħħ waqt il-ħin tal-iskola, l-SMT għandu jniżżel l-inċident fir-report book tal-iskola billi juża l-formola tar-rapport tal-inċidenti, li tinsab onlajn jew bħala kopja fir-Addressing Bullying Behaviour in Schools Framework: Proċeduri Appendiċi B.
- L-SMT għandu jassigura li l-ġenituri jew kustodji jingħataw gwida fejn hemm bżonn. Fost il-gwida li tista' tingħata, il-ġenituri għandhom il-possibbiltà li:
  - jagħmlu rapport l-għassa tal-pulizija jekk jixtiequ jipproċedu legalment,
  - jirrapportaw direttament lis-Servizz ta' kontra l-Ibbuljar,
  - iżommu l-evidenza kollha marbuta mal-inċident.
- L-SMT jista' jiddeċiedi li jieħu passi dixxiplinarji kontra l-persuna li tkompli dan il-bullying fl-iskola skont il-policies dixxiplinarji tal-iskola u/jew tal-kulleġġ.
- Jekk l-SMT jibqa' inkwetat fuq is-sigurtà tal-istudent/i involuti, għandu jinforma lill-APPOĠĠ b'dan l-inċident.



## L-istudenti nfushom jirrapportaw cyberbullying

- L-SMT għandu jinforma lill-guidance teachers u lill-counsellor bil-każ u jassigura li huma jagħtu s-sapport meħtieġ lill-istudent/i involuti.
- L-SMT għandu jassigura li l-ġenituri jew kustodji jingħataw gwida fejn hemm bżonn. Fost il-gwida li tista' tingħata, il-ġenituri għandhom il-possibbiltà li:
  - jagħmlu rapport l-għassa tal-pulizija jekk jixtiequ jipproċedu legalment,
  - jirrapportaw direttament lis-Servizz ta' kontra l-Ibbuljar,
  - iżommu l-evidenza kollha marbuta mal-inċident.
- L-SMT għandu jħeġġeġ lill-persuna li rċeviet ir-rapport biex iżomm rekord tal-inċident, billi juża l-formola tar-rapport tal-inċidenti, li tinsab onlajn jew bħala kopja fl-Addressing Bullying Behaviour in Schools: Proċeduri Appendiċi B.
- Jekk l-SMT jibqa' inkwetat fuq is-sigurtà tal-istudent/i involuti, għandu jinforma lill-APPOĠĠ b'dan l-inċident.
- L-SMT jista' jiddeċiedi li jieħu passi dixxiplinarji kontra l-persuna li tkompli l-bullying fl-iskola skont il-policies dixxiplinarji tal-iskola u/jew tal-kulleġġ.

 

## Cyberbullying ta' edukatur minn ġenituri/kustodji jew studenti

- L-SMT għandu jinkoraġġixxi lill-edukatur konċernat biex iżomm evidenza tas-cyberbullying.
- L-SMT għandu jagħti parir lill-edukatur konċernat biex jagħmel rapport fl-eqreb għassa tal-pulizija.
- L-SMT jista' jiddeċiedi li jieħu passi dixxiplinarji kontra l-istudent/i (fl-iskola) li huma responsabbli għas-cyberbullying, skont il-policies dixxiplinarji tal-iskola u/jew tal-kulleġġ.
- L-SMT għandu jinforma lis-superjuri tiegħu dwar il-każ.
- L-SMT għandu jassigura li l-edukatur jingħata gwida biex ifittex l-għajnuna mill-Employment Support Scheme jekk ikun hemm il-ħtieġa.

## Importanti wkoll li wieħed jiftakar li:

1. **Jekk is-cyberbullying qiegħed jitwettaq minn adult fuq it-tfal, dan għandu jitqies bħala reat kriminali u għalhekk il-ġenituri/kustodji għandhom jiġu infurmati immedjatament u għandhom jagħmlu rapport mal-pulizija.**
2. **Jekk is-cyberbullying qiegħed jitwettaq minn edukatur fuq student, l-SMT għandu jinforma immedjatment lill-Prinċipal tal-Kulleġġ/is-Segretarjat tal-Kurja u jissawwar pjan t'azzjoni.**
3. **Jekk is-cyberbullying qed isir minn impjegat tal-MEDE għandhom jiġu segwiti r-Regoli ta' Dixxiplina skont is-Servizz Pubbliku.**

Dawk l-iskejjel jew kulleġġi li għandhom bżonn ta' laqgħat għall-edukaturi, ġenituri/kustodji u/jew studenti dwar temi relatati mas-cyberbullying jistgħu jibbukkjaw sessjoni fuq http://www.besmartonline.org.mt/request-talk

**Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE)**
Great Siege Road
Floriana FRN1810

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL